MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1/2010

**Suzanne Cutajar**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Dicembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Deher I Cilia ghad-Direttur.
>
> Meta ssejjah l-appell, dehret l-appellanti. Deher ir-rapprezentant tad-Divizjoni.

> Deher J. Balzan, Spettur tad-Direttorat tal-Frodi tal-Beneficcji u Investigazzjoni li pprezenta r-rapport.
>
> Xehed l-Ispettur.
>
> L-appellanti, wara li nqara r-rapport, spjegat li dakinhar inzertat marret ghand il-partner taghha Norman Vassallo u peress li raqdet it-tifla ta' seba' snin, iddecidew li jibqghu hemm.
>
> Peress li mic-cirkostanzi jidher b'mod car illi l-appellanti kienet tghix mal-partner taghha Vassallo, id-decizjoni tad-Divizjoni qed tigi gustifikata u ghalhek dan l-appell ghandu jigi michud."

L-appell introdott mir-rikorrenti Suzanne Cutajar fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu cirkoskritt ghall-aggravju illi l-Arbitru ghamel apprezzament errat tal-fatti u naqas ukoll milli jipprovdi motivazzjoni adegwata;

Jidher mill-atti illi dak li induca lid-Direttur biex bl-ittra tal-20 ta' Awissu 2009 jirreklama lura minghand l-appellanti l-hlasijiet ta' l-assistenza lilha prestati fil-forma ta' Ghajnuna Socjali ghall-perijodu bejn it-30 ta' Settembru, 2006 u d-29 ta' Mejju, 2009 hu bazat fuq il-motiv illi din ma kienetx il-kap tal-familja. Dan il-motiv, ikkonfermat ukoll mill-Arbitru fuq l-appell devolut lilu, hu akkampat fuq il-verifiki rizultanti mir-rapport investigattiv tad-Direttorat tal-Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjoni fi hdan il-Ministeru ghall-Politika Socjali;

Sintetikament, l-imsemmi rapport jindividwa dawn l-elementi ta' provi:-

1. Fl-ispezzjoni li saret fil-25 ta' Mejju, 2009 fis-6:25 ta' filghodu gie stabbilit illi l-appellanti flimkien maz-

zewg uliedha kienet tinsab fil-fond ta’ certu Norman Vassallo fil-Furjana;

2. F’din l-istess spezzjoni gie identifikat illi kien hemm sodda matrimonjali, zewg bunk beds fuq xulxin, gwardarobba bi hwejjeg tan-nisa u tat-tfal ta’ l-eta` ta’ ulied l-appellanti, komodini bi zraben tat-tfal u ohrajn tan-nisa, kif ukoll affarijiet ohra bhal fwejjah tan-nisa fil-kamra tal-banju;

3. Jirrizulta wkoll li saret spezzjoni ohra fl-1 ta’ Gunju 2009 fit-8:00 a.m. fil-fond tal-genituri ta’ l-appellanti gewwa Pembroke u fejn gie kkonstatat ili kien hemm kamra tas-sodda ad uzu ta’ l-appellanti, hwejjeg tan-nisa’ ta’ l-omm u ta’ bintha fi gwardarobba u f’gradenza zghira, kif ukoll kamra ohra b’zewg sodod bi hwejjeg tat-tfal fiha;

4. Minn ricerka ulterjuri li saret mir-relaturi tar-rapport gie determinat illi wahda mill-bniet ta’ l-appellanti tattendi l-Iskola Primarja tal-Furjana filwaqt li l-ohra tattendi l-Iskola Sekondarja tal-Bniet fil-Hamrun;

5. Fil-gudizzju ta’ l-Ispettorat, u in partikolari l-fatt illi ulied l-appellanti kienu ilhom jattendu fl-iskejjel rispettivi b’effett mis-sena 2006 u 2007 rispettivament, kien indikattiv illi l-appellanti kienet effettivament qeghda tirrisjedi l-Furjana u, konsegwentement, irrakkomandaw illi d-Dipartiment ghandu jissospendi l-assistenza u jsejjah lura l-pagamenti maghmula b’effett mill-25 ta’ Settembru, 2006;

Premessi dawn il-fatti, huwa opportun f’kazijiet ta’ din ix-xorta maggorment dipendenti fuq il-valutazzjoni tal-fatti illi l-Qorti tenfasizza b’ripetizzjoni illi:-

i. L-apprezzament hu rimess lill-poter diskrezzjonali ta’ l-Arbitru u lill-konvinciment liberu tieghu;

ii. Jekk dak l-istess apprezzament hu ragonevoli u koerenti ma’ l-elementi utilizzati u, wkoll sorrett minn

motivazzjoni adegwata, mhux ghal din il-Qorti li tiddisturba dak l-istess apprezzament;

Issa minn dak li jinzel mill-esposizzjoni tal-fatti fuq riportata huwa fatt accertat illi fil-waqt ta’ l-ispezzjoni kondotta fil-25 ta’ Mejju, 2009 l-appellanti kienet tinsab fir-residenza ta’ Norman Vassallo flimkien maz-zewg uliedha. Logikament, skond il-Qorti, dan il-fatt singolari, f’dik id-data partikolari, mhux bizzejjed ghall-formazzjoni tal-fehma illi b’daqshekk l-appellanti ma kienetx il-“kap tal-familja” skond it-tifsira tal-ligi fil-Kapitolu 318, ghaliex jista’ jaghti l-kaz illi kienet tezisti raguni plawsibbli l-ghala f’dak il-mument l-appellanti kienet tinsab f’dak il-fond ta’ Vassallo. Minn naha l-ohra, u dan hu wkoll logiku, meta dak il-fatt jigi konsiderat ma’ fatti u cirkostanzi ohra, ukoll delinejati fl-esposizzjoni fuq misjuba, sew il-konvinciment, sew ic-certezza morali, lanqas ma jistghu jeskludu illi effettivament dik il-presenza ta’ l-appellanti u ta’ uliedha f’dak il-fond ma kienetx wahda sempliciment accidentali in bazi ghall-asserzjoni ssuggerita illi l-lejl ta’ qabel wahda mit-tfal inzertat raqdet u gie deciz li huma jqattghu lejl fir-residenza ta’ sieheb l-appellanti;

Ikollu jinghad illi din l-asserzjoni xejn ma taspira ghal verosimiljanza in kwantu, fil-hsieb ponderat ta’ din il-Qorti, il-kwadru unitarju tal-verifiki accertati joffri c-certezza illi ghall-appellanti u ghaz-zewg uliedha dik ir-residenza taghhom ma’ Vassallo ma setghetx ma kienetx wahda abitwali u b’certu grad ta’ kontinwita. Dan hu bil-bosta evidenti mill-mod illustrat mill-provi taz-zamma ta’ hwejjighom f’dik l-istess residenza u, in generali wkoll, tal-mod kif bniedem ordinarjament jorganizza hajtu. Jista’ jkun forsi illi mhux ghal kollox konklussiv il-gudizzju ta’ l-Ispettorat fejn dawn jirrikorru, b’sussistenza, l-attendenza tat-tfal f’dawk l-iskejjel partikulari. B’danakollu, meta dan ir-riljev jitqieghed, kif ghandu jkun, flimkien ma’ rilevanzi ohra ma jistax ma jircevix dik l-attendibilita` korroborattiva li jixraqlu fil-fattispeci komplessivi tal-kaz;

Fl-isfond ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u dik tac-certezza morali li ssahhah id-decizjoni tad-Direttur u l-gudizzju ta’ l-Arbitru, mhux ghal din il-Qorti li takkolji l-invit ta’ l-appellanti li tirrevoka d-decizjoni appellata, anke ghax din, kuntrarjament ghal dak dedott, tikkontjeni, ukoll jekk fil-minimu, motivazzjoni kongruwa u ragonata ta’ l-elementi probatorji skrutinati.

Ghal motivi fuq imsemmija din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------